**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Joseph Formosa detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 454862(M)**

***Kump. Nru.: 103/2022***

Illum**, 16 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Joseph Formosa** u ċioè talli:

Nhar is-6 ta' Frar 2022, fi 351, Triq San Franġisk, Qormi u f'dawn il-Gżejjer-

1. Issoġġetta lil Tia Shiree Prendiville (ID 289279A) għal xi att ta' intimità fiżika;
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, talab favuri sesswali mingħand Tia Shiree Prendiville (ID 289279A);
3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil Tia Shiree Prendiville (ID 289279A) għal xi att u, jew imġieba li għandha konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u, jew materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu ikkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti u, jew intimidatorji lejha.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-11 ta' Marzu, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-każ jirrisali għall-2022 u fejn l-unika seduta fejn instemgħu l-provi kienet dik tat-12 t'April, 2023.

Il-vittma f'dan il-każ qatt ma nstemgħet u għalkemm il-Pulizija Eżekuttiva għamlet ħiltha biex din tagħti x-xiehda tagħha, din għażlet li ma tixhidx. Ma kienx hemm provi oħra għajr xiehda tal-Pulizija li tibqa biss xiehda *hearsay* u għaldaqstant inammissibbli.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-każ ma ġiex soddisfaċentement pruvat;

Għaldaqstant l-imputat qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**